MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 449/2010

**L.E.A.F. Ltd (C-11101)0.**

**Vs**
**Rita Maggi (K.I. 84703L)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elfejn, hames mija, wiehed u erbghin ewro u hamsa u ghoxrin centezmi (€2,541.25) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici, L.E.A.F. Ltd, ghal prodotti mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta u li baqghet ma thallsx;

Minkejja li giet interpellata thallas diversi drabi din baqghet inadempjenti.;

Bl-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi (annessi mat-talba) sad-data tal-pagament effttiv bl-oghla rati permessi bil-ligi.

Bl-ispejjes konntra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni, nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigiprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-17 ta' Settembru, 2010 mill-Avukat Chris Cini.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------